MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 436/2010

**Il-Pulizija**

**Vs**

**James Casha**
**Dorian Scortino**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellati talli:

James Casha wahdu talli nhar it-18 ta’ Awwissu 2001 fi Triq id-Daqqaqa, B’Bugia ghall-habta tad-9.15 am bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Aaron Privitera f’periklu car wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’dan id-delitt billi bi strument bil-ponta ta daqqa fil-parti vitali tal-gisem u cioe’ fuq il-persuna ta’ Aaron Privitera liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu.

Lil Dorian Sciortino talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu komplici fl-imsemmi delitt billi xjentement ghen jew assista lill-awtur jew l-awturi ta' l-imsemmi delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat, u aktar talli xewwex lil haddiehor u cioe lil James Casha inkella sahhahlu l-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitt jew weghdu li wara l-fatt jassistieh, jieqaf mieghu jew jikkompensah.

Lil Dorian Sciortino wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u garr strument li jaqta' bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Akkuzati it-tnejn flimkien talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbju, kif ukoll qalu kliem fahxi u dagha.

Akkuzati it-tnejn talli huma ricedivi b'sentenzi definittivi li ma jistghux jigi mhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru, 2010, fejn sabet lill-imputat, James Casha, hati ta' attentat ta' ferita gravi, bl-assorbiment ai fini ta' piena ghall-akkuza ta' ferita hafifa. Sabet lill-imputat, Dorian Sciortino hati ta' komplicita' f' attentat ta' ferita gravi b'assorbiment ai fini ta' piena ta' ferita ta' natura hafifa. Sabet lill-imputat Dorian Sciortino mhux hati ta' tielet (3) akkuza u cioe tal-garr ta' strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenza tal-Pulizija u li minnha illiberatu. Il-Qorti, in oltre', sabet lill-imputati hatja tar-raba (4) akkuza u mhux hatja tar-recediva li minnha illiberathom u wara li rat l-Artikoli 42 (1) (a), 218, 221, 338 (dd), 42, 43 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lil James Casha u lil Dorian Sciortino ghal-perijodu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin li minnha ghandu jitnaqqas z-zmien li ghamlu f'arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appellant Dorian Scortino pprezentat fil-15 ta' Ottubru, 2010, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2010 billi filwaqt li tikkonfermha f'dik il-parti li l-appellant gie illiberat,

thassar u tikkancella l-istess sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fuq f'dik il-parti li l-Ewwel Qorti sabet htija u ghar-ragunijiet suesposti tilliberah minnhom, u bla pregudizzju f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, timponi piena inqas minn dik inflitta minn l-Ewwel Qorti, salv dak li din l-Onorabbli Qorti joggobha tordna.

Rat ir-rikors tal-appellant James Casha pprezentat fil-15 ta' Ottburu, 2010, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx hati tar-recidiva tirrevokaha fejn l-appellant gie misjub hati ta' attentat ta' ferita gravi, bl-assorbiment ai fini ta' piena ghall-akkuza ta' ferita hafifa, u tirrevokaha wkoll fejn gie misjub hati tar-rabba` akkuza u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorendo ikun il-kaz, subordinament tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Dorian Scortino, huma s-segwenti u cioe':-

1. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Magistrti ezaminat il-kaz biex tara jekk kienx hemm intenzjoni o meno min-naha ta' l-esponent appellant u l-ko-imputat James Casha, li jferu gravement jew li jwegghu serjament lil Aaron Privitera. Bl-umilta kollha qed ikun rilevat illi l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa c-cirkostanzi kollha u min fil-fatt kien beda din il-glieda, flimkien ma' fatturi ohra li jistghu jaghtu lok li fil-fatt l-esponent appellant u l-ko-imputat l-iehor ma kellhomx dik l-intenzjoni specifika u l-anqas dik generika li tirrikjedi l-ligi.

Effettivament kien Aaron Privitera li mar jisfida lill-esponent appellant u lil James Casha billi ammetta hu stess li kienet qajmitu ommu mir-raqda li kien fiha, hareg mid-dar fejn kien u mar jiffaccja liz-zewg ko-imputati. Li kieku Aaron Privitera baqa gewwa ma kienx jigri l-incident.

Fl-ebda mument l-esponent appellant u James Casha ma marru qrib id-dar fejn kien qieghed Privitera u l-mara u t-tfal ta’ James Casha imma kienu ipparkjaw il-vettura taghhom il-boghod mill-post fejn kienu. Privitera ma kellux ghalfejn johrog jippoppa sidru ghal-glied u jisfidhom gialadarba ma kien hemm l-ebda theddida lejh jew lejn il-persuni li kienu fid-dar fejn kien qed jorqod hu. Effettivament Privitera jammetti li mar hdejhom, injora lil Sciortino u mar dritt fuq Casha. Din l-imbgieba hija turija cara li Privitera mar ghal glied u biex jipprovokhom. Tant kien mar ghal glied li ha mieghu katina mdaqqsa. Hawnhekk il-kredibilita ta’ Privitera titkisser ghal kollox u l-Qorti fl-opinjoni umli ta’ l-esponent appellat, ma tatx kaz cetu fatti li huma impossibbli li jsehhu kif qalhom Privitera u fuq kollox ma tatx kas l-inkonsistenzi li kien hemm bejn ix-xhieda ta’ Privitera stess u ta’ ommhu.

Privitera jghid li dik il-katina kienet fil-but ta’ wara tas-shorts tal-jeans. Apparti l-fatt li hu impossibbli li tpoggi katina ta’ dak id-daqs fil-but ta’ wara, Privitera jghid li kien rieqed. Allura jirrizulta b’ mod inekwivoku li Privitera jaqbad il-katina apposta biex ikun armat u jsawwat lill-esponent appellant u l-James Casha, ghax huwa ovvju li meta torqod u jkollok anki xi haga zghira fil-but, tnehhiha biex tkun komdu. Ahseb u ara kif se kellu din il-katina fil-but ta’ wara ghax skond hu huwa normali ghalih li l-katina ipoggiha fil-but. Dan il-fatt juri l-intenzjoni li kellu Privitera u cioe` li jkun armat sew biex jagrexixxi l-ko-imputati.

Fatt iehor li l-Qorti ma qisetx kien li fil-waqt li Cahsa kien qabad dan il-ganc, ma kienx f’idejh meta resaq lejhom Privitera. Il-ganc kien fil-karozza. Li kieku Casha ried u kellu intenzjoni li jferi gravement lil Privitera, kien izomm il-ganc f’idejh jew qrib, nghidu ahna fil-but. Dan ma sehhx u kwindi anki l-esponenet appellant ma kellu l-ebda intenzjoni li jghin lil Cahsa biex iferi gravement lil Privitera. Min-naha l-ohra Privitera kellu katina f’ idejh u mohbija wara dahru. L-esponent appellant kien dahal fil-kwistjoni wara li Privitera beda jxejjer bil-katina u dan minhabba li beza li seta intlaqat minn din il-katina.

Di piu, hemm nuqqas ta' qbil bejn Privitera u ommu stess. Aaron Privitera jghid li l-mus li gie muri waqt is-smiegh tal-kaz ma gharfux filwaqt li ommu tghid li l-appellant kellu mus kannella f'idejh. Ommu tghid li binha Aaron ma kellux katina f'idejh mentri hu jammetti li kellu katina. Sahansitra omm Privitera, ovvjament bl-istitnt matern taghha, minkejja li taht gurament, cahdet li binha kellu xi katina anki fil-but. Dan apparti l-fatt li xehdet li ma ratx lil Dorian jaghti lit-tifel taghha, kif irrilevat l-Ewwel Qorti f' pagna 10 tas-sentenza taghha. Minkejja dan l-Ewwel Qorti waslet ghal-konkluzjoni li l-appellant waqaf jaghti lil Privitera wara li bdiet tghajjat omm l-istess Privitera.

Minkejja dawn l-inkonsistenzi fix-xhieda tal-prosekuzjoni, u minkejja l-fatt li l-koimputati ikkorroboraw ix-xhieda taghhom, u minkejja li kien l-esponent appellant li kkolloborha mal-Pulizija tant li hadhom fuq il-post isibu l-arma u cioe l-grampun, l-ewwel Qorti ghazlet li temmen il-verzjoni ta' Privitera u cioe` il-bniedem li kien il-kagun ta' tkissir fil-familja u li kien qed jesponi liz-zewgt itfal ta' James Casha ghal sitwazzjoni immorali. Dorian Scortino kien konformi anki bix-xhieda tieghu li ta viva voce quddiem il-Qorti ma' l-istqarrija li rrilaxxa a tempo vergine. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu Dorian Sciortino jghid "il-bierah morna bil-karozza tieghi u bhal ma diga` spjegajt morna hemm biex naraw l-indirizz", propju ghaliex meta kienu marru jaghmlu rapport l-Ghassa Hal Qormi baghtuhom ghand tal-Welfare, Blata l-Bajda u l-mara li kienet hemm bdiet timla l-formoli u l-ahhar domanda hija li riedet l-indirizz fejn qed joqghodu t-tfal, informazzjoni li ma kienetx facilment producibbli peress li l-post inkwistjoni kien garaxx. Fl-istqarrija tieghu, kkonfermata fix-xhieda, Dorian Scortino kien kategoriku li ha lil James Casha l-garaxx biex jara l-indirizz u ghalxejn aktar. Zgur li ghaldaqsekk biss Dorian Sciortino la ressaq it-tiben lejn in-nar u lanqas xewwex jew sahhah il-volonta` ta' James Casha biex jikkommetti xi delitt.

Ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghet qatt tasal ghal konkluzjoni li Dorian Sciortino kien qed jghin jew jassisti lil Casha xjentement biex dan jikkommetti r-reat li bih gie akkuzat. L-fatt biss li l-appellant wassal lil Cahsa biex jurih

il-post, ma jirrendihx accessorju u komplici ghall-akkuza. Li kieku l-koimputati marru fil-post biex jagredixxu lil Privitera ma kienux jipparjkaw il-boghod mill-garaxx fejn kien imma kienu jieqfu hemm halli kif ilestu l-aggressjoni isibu l-vettura qrib u jaharbu minn hemm malajr kemm jista jkun.

Bid-dovut rispett kollu l-appellant ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti qalet li l-ewwel daqqa kien taha l-esponent appellant u li Privitera ta' daqqa ta' katina wara li qala d-daqqa ta' ponn ta' l-appellant, daqqa ta' grampun fil-kaxxa ta' sidru, u diversi daqqiet ta' sieq. Persuna li kienet aggredita b' dak il-mod u li fuq kollox bidiet titlef id-demm tant li storda, kif xehed Privitera stess, ma jkollhiex is-sahha li taghti daqqa ta' katina hoxna u li thalli dik il-marka li halliet fuq Casha. Kieku l-fatti graw kif qalet il-Qorti, kieku Privitera ken jattakka bil-katina ukoll lill-appellant imma fil-fatt attakka lil Casha biss ghax kien hu (Privitera) li mar dritt ghal fuq Casha u fajjarlu daqqa bil-katina.

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Agius Carmelo Aquilina Nicholas u Dimech Saviour ta' l-24 ta' Mejju, 2004, l-Onorabbli Qorti sostniet li "Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista` tammonta ghall-komplicita f' dak id-delitt kemm il-darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delittm u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt". Illi ghalhekk is-semplici presenza m'hijiex bizzejjed imma ried ikun hemm hsieb komni. Ma kien hemm l-ebda prova illi jekk Casha kellu l-intenzjoni li jferi lil Privitera, l-appellant kien jaf b' din l-intenzjoni, imma anzi mill-assjem tal-fatti jirrizulta li tali intenzjoni ma kienitx ezistenti.

B'dan kollu suespost, jirrizulta altru milli dubju ragjonevoli li fil-fatt l-esponent appellant kien jaf bl-intenzjoni ta' Cahsa li jferi gravement lil Privitera u fuq kollox li hu kellu l-intenzjoni li jghinu f' dan ir-rigward, u ghalhekk dan id-dubju ragjonevoli ghandu jmur favur l-appellant.

2. Dwar id-difiza mressqa mill-appellant illi agixxa in legittima difesa, l-Ewwel Qorti irrifjutat dan l-argument minhabba li sostniet li wiehed mill-elementi li ghandhom jissusistu biex wiehed jipprevalixxi ruhu minn din id-difiza kien nieqes. Certament illi l-aggressjoni subita mill-appellant kienet wahda ingusta. Privitera ma kellux ghalfejn johrog mill-garage bil-katina f' idu u jxejjirha biex jolqot lill-koimputati jew lil xi hadd minnhom. L-appellant inhasad meta ra l-katina ghax Privitera kien qed jahbiha u kellu dik ir-reazzjoni biex jiddefendi lilu nnifsu li hu l-mara li kien qed ikun aggredit minn Privitera bla ebda provokazzjoni. Certament ukoll il-fatt li Privitera aggredihom b'katina ta' daqs sostnut, l-aggressjoni kienet wahda gravi ghax Alla hares laqat lil xi hadd f'nghasu ghax probabbli li kien joqtlu. L-Ewwel Qorti pero` qalet li ma jissusistix l-element ta' inevitabilita`, ghax kienet konvinta li l-ko-imputati marru hemm ghal-glied u biex jistiednu l-inkwiet meta l-fatti kif sehhew juru mod iehor.

L-aggressjoni setghet kienet evitata li kieku Privitera ma marx hu ifittex il-glieda u fuq kollox ma hax armi mieghu. Privitera kellu l-intenzjoni li jferi gravement lil xi hadd mill-koimputati ghax kien hu li ha l-katina u beda jxejjirha. Li kieku Privitera baqa` gewwa ma kienx jinholoq l-incident. Kien ikun hemm kull raguni li l-Qorti ssib htija fuq il-koimputati li kieku dawn marru huma jagredixxu lil Privitera jew jippruvaw jidhlu gol garage. Imma dan ma garax ghax kien Privitera li mar ifittex glieda. Semmai Privitera jekk hassu mhedded, imissu cempel il-Pulizija u mhux hareg ghal-glied. Ta' min isemmi hawn li kienu l-koimputati li marru l-ewwel jaghmlu rapport l-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun. Li kieku dawn marru biex jiggieldu zgur li kienu jaharbu minn fuq il-post u l-ahhar post li jmorru kienet tkun ghassa tal-Pulizija. Dan il-fatt ukoll juri li l-partijiet ma kellhomx intenzjoni li jaggredixxu lil Privitera jew lil xi hadd iehor imma biss biex Casha ikun jaf fejn kienu uliedu. Dan apparti l-fatt illi kif anki rriteniet l-Ewwel Qorti, Privitera ma kienx xi bniedem kwiet imma glieda jikolha u kwindi kien perikoluz.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-piena inflitta ghall-appellant kienet wahda severa, specjalment meta rrizulta li huma nstabu hatja biss ta’ attentat ta’ ferita gravi u l-esponent ta’ komplicita f’dak l-att. Illi fil-kaz deciz mill-Ewwel Qorti kif preseduta fil-kaz odjern u cioe il-kaz fl-ismijiet Pulizija Spettur Joseph Agius vs Clifton Cassar ta’ l-14 ta’ April, 2010 (Numru: 1520/2007) il-Qorti applikat piena ta’ prigunerija sospiza u dan minkejja li l-kaz kien jitratta ferita gravi bi sfregju (u mhux attentat bhal hu l-kaz odjern) fejn sahansitra l-akkuzat qata widna tal-vittma. L-istess Qorti kif preseduta applikat sentenza ta’ prigunerija sospiza f’kaz fejn l-imputat kien akkuzat li kellu l-hsieb li jwettaq ferita gravi fuq il-vittma u liema ferita gravi ma sehhitx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tieghu. Dan il-kaz kien Numru 375/2005 Pulizija Spettur Anthony Cassar vs Felix Delia tal-21 ta’ Lulju, 2010. Fil-kaz odjernn l-appellant ma jhossx li l-pinea karcerarja effettiva ta’ tlett snin hija idonea u gusta imma hija iebsa wisq specjalment meta wiehed jikkunsidra li r-ricediva ma kienetx ippruvata u fuq kollox li l-istess appellant kien dak li ikkollabora mal-pulizija, kif irrilevat anki l-ewwel Qorti. Fil-piena taghha l-ewwel Qorti ma tatx kaz ukoll tac-cirkostanzi familjari ta’ l-appellant u cioe li hu ghadu kemm sab impjieg, il-mara tieghu li ghaddejja minn depression minhabba mewt fil-familja, sofriet minn stroke u wkoll mhux qed tieghu ghajnuna socjali, u fuq kollox li ghandu tfal zghar li jirrikjedu kuri intensivi u delikati fl-isptar minhabba mard erju. Kwindi l-appellant qed jirrimetti ruhu f’idejn il-klemenza ta’ din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonsidra dawn l-elementi kollha jekk tikkonferma dik il-parti tas-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti li sabet htija fl-appellant.

Rat illi l-aggravji tal-appellant James Casha, huma s-segwenti u cioe':-

Illi hija il-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setghatx ragonevolment issib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti:

Illi l-appellant umilment jissottometti illi ghalkemm huwa konsapevoli mill-fatt li, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, huwa wkoll palezi li l-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha li taghmel ezami approfondit tal-istess fatti biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor il-Qorti tal-Appell ghandha s-setgha tara jekk il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti kienetx wahda 'safe and satisfactory' fid-dawl tar-rizultanzi;

Illi f' dan ir-rigiward, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-appellant jemmen li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet sabet htija ghall-akkuzi addebitati lilu b' mod li ragonevolement jista` jitqies bhala 'a safe and satisfactory conclusion';

Illi fl-ewwel lok, il-prosekuzjoni kellha l-obbligu li tipprova li l-appellant kellu l-intenzjoni specifika li jferi gravement lil Aaron Privitera. Din il-prova trid tikkonvinci lil gudikant lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi l-appellant jemmen li l-prosekuzjoni lanqas biss lahqet il-livell tal-prova tal-probabbli, li fuq kollox hija l-livell li hija obbligata tilhaq id-difiza, ahseb u ara kemm lahqet ic-certezza morali necessarja biex tinstab htija;

Illi fl-ghar ipotezi, l-prosekuzjoni rnexxiela tipprova l-intenzjoni generika li takkumpanja r-reat ta' feriti hfief, kif fuq kollox huwa certifikat li garrab Aaron Privitera;

Illi l-arma uzata u cioe` l-ganc instab mill-appellant f' ghalqa vicin il-post fejn sehh id-delitt u kuntrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti, dan il-ganc ma kienx iffurmat u mghawweg mill-appellant izda instab tale quale mal-art;

Illi kieku l-appellant kellu l-intenzjoni li jferi serjament, kieku kellu kull opportunita` li jiehu mieghu arma ferm aktar idonea minn ganc bhal nghidu ahna sikkina;

Illi l-fatt li uza ganc li sab mormi, juri bic-car li din l-arma, l-appellant kellu kull intnezjoni li sservi biss bhala deterrent li sfortunatament gie konvertit f’ bzonn attwali li tintuza minhabba li gie aggredit;

Illi rigward l-aggressjoni ta’ Aaron Privitera fil-konfront tal-appellant, jibda biex jinghad li l-Ewwel Qorti ma tatx piz bizzejjed lic-cirkostanzi difficli li kien qed jaffaccja l-appellant meta gie wicc imb’ wicc mal-persuna ossija l-kwerelant, li kissirlu l-familja, hadlu lil mara u lil uliedu;

Illi dan gie enfasizzat mill-Ewwel Qorti partikolarment kif b’mod mill-aktar legger skartat id-difiza kollha tal-appellant li sa mill-ewwel gurnata kien qed isostni li kien qed jiddefendi lilu nnifsu, u li fi kwalunkwe kaz l-azzjonijiet tieghu kienu kolpiti minn provokazzjoni mhux zghira min-naha tal-kwerelant.

Illi fl-istqarrija tieghu (a fol 41), l-appellant jghid li “Dak il-hin Aaron baqa` gej fuqi u peress li kellu xi haga f’idu, li ma stajtx nara x’ inhi ghax kellu idu wara, jiena ghidt lil Aaron tlett (3) darbiet biex inehhi dak li kellu f’ idu pero` dan baqa` gej lejja u xejjer katina f’ genbi. Fil fatt ghandha mmarkata sa issa.”;

Illi dan il-kliem tal-appellant stess qed jigi sottolineat fid-dawl ta’ dak li tghid il-Ligi fil-konfront tal-legittima difeza permezz tal-Artikolu 224 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid li “Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta’ wiehed innifsu jew ta’ haddiehor”.

Illi huwa palezi li sabiex tirnexxa d-difiza tal-legittima difeza, jridu jikkonkorru certu elementi necessarji li jwasslu ghall-gudikant sabiex jiddikjara li r-reat kien skuzabbli jew gustifikat skond il-kaz.

Illi fl-ewwel lok, il-perikolu minaccjat irid ikun gravi, ingust u inevitabbli. Il-persuna li tkun iddefendiet ruha f’ daqqa u dak il-hin;

Illi jinghad ukoll li l-perikolu jrid ikun wiehed inevitabbli, b’dan pero li ma jifssirx li l-persun aaggredita trid bilfors tahrab biex tkun tista` tinvoka l-legittima difeza.

Illi f’ dan ir-rigward it-test li jrid jigi adoperat mill-Gudikant huwa wiehed soggettiv u ghalhekk sabiex isir dan it-test, il-Gudikant jrid jidhol u jezamina b’ reqqa kbira il-forma mentis tal-akkuzat dak il- hin li jkun issubixxa l-azzjoni fil-konfront tieghu;

Illi c-certifikat mediku ta’ James Cahsa esebit a fol 49 juri bic-car illi l-appellant kellu ferita fuq genbu li kienet kompatibbli ma daqqa ta’ katina “Casha was found to have a contusion about 25cm long corresponding to the shape of a chain on the left side of his back and another small contusion on the right side of the back”.

Illi meta tghaqqad din il-fertia ma’ l-versjoni tal-appellant li ra lil Aaron Privitera riesaq lejh b’ xi haga f’idu, johrog car li f’ dak il-mument, l-appellant fl-istat mentali li kien jinsab fih, ippercepixxa perikolu minaccjat li kien gravi, ingust u inevitabbli;

Illi l-appellant jissottometti illi dan il-perikolu ghandu jitqies li kien gravi, tenut kont tal-fatt li katina tista` tikkawzalek hsara kbira u rreparabbli li tista` tkun ta’ pregudizzju ghal-hajja tieghek, specjalment jekk wiehed joqghod jaqla u ma jiddefendix ruhu.

Illi l-perikolu li affaccja l-appellant kien ukoll wiehed attwali u assolut u dana stante li l-appellant iddefenda ruhu a tempo vergine u mhux bhala ritaljazjoni jew tpattija ritardata ghal-dak li kien sofra.

Illi inoltre, il-perikolu msemmi kien wiehed inevitabbli u f’dak il-mument l-appellant ma setgha jaghmel xejn hlief li jiddefendi lilu nnifsu;

Illi ghaldaqstnat l-appellant umilment jissottometti li l-elementi kollha necessarji sabiex tigi sodisfata l-legittima difeza jikkonkorru kollha f’ dan il-kaz;

Illi jinghad ukoll li l-legittima difeza tinkwadra fiha wkoll l-element importanti tal-proporzjonalita` bejn l-azzjoni u r-reazzjoni. Dan ifisser li jekk il-guidkant jidhirlu li jkun hemm sproporzjon bejn il-mezz adoperat mill-imputat u l-perikolu li jkun rinfaccjat bih, ikun hemm eccess ta' difiza legittima. L-eccess ta' difiza legittima twassal biex l-azzjoni ssir skuzabbli f' ghajnejn il-ligi b' kuntrast mas-sitwazzjoni fejn jekk ikun hemm proporzjoni l-azzjoni tkun gustifikata;

Illi l-appellant jissottometti li f' dan il-kaz, l-element tal-proporzjonalita` qieghed hemm b' mod mill-aktar car u meta jitqies il-mezzi wzati kienu grampun u katina, wiehed ma jistax ragjonevolment jghid illi kien hemm xi eccess.

Illi l-ewwel Qorti tghid li l-appellant u Dorian Sciortino marru jfittxu lil Privitera sabiex ifittxu l-inkwiet;

Illi bir-rispett kollu dovut, l-appellant umilment jissottometti illi hu kull ma kien qed jaghmel kien li jipprova jsib fejn kienu qed joqghodu uliedu. Huwa veru li t-tfittxija ghall-uliedu setghet wasslet ghall-inkwiet izda l-intenzjoni kienet unikament li jiskopri x' sar mit-tfal u xejn aktar.

Illi l-Ewwel Qorti tghid ukoll illi kien biss wara li qala daqqa bil-ganc li Aaron Privitera xejjer daqqa ta' katina lill-appellant;

Illi jigi rilevat, li dan mhux minnu, izda anki kieku kien il-kaz, hawnhekk ghandna cirkostanza ta' bniedem li jaf li se jigi attakkat b' katina u ghalhekk jinsab f' periklu imminenti. Infatti fil-kaz Beckford v R [1988] AC 130: Lord Griffith jghid li "A man about to be attacked does not have to wait for his assailant to strike the first blow or fire the first shot; circumstances may justify a pre-emptive strike".

Illi l-Ewwel Qorti innifisha tirrimarka li Aaron Privitera, huwa tip ta' bniedem li "meta jara glieda ma jahrabx minnha izda jaffronta sidru ghaliha" (ara pagna 22 tas-sentenza l-ahhar paragrafu);

Illi l-Ewwel Qorti skartat ukoll id-difiza tal-provokazzjoni ai termini tal-Artikolu 272(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad illi d-delitt ikun skuzabbli meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taht "l-influenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista` tqis l-eghmil taghha".

Illi fil-kaz R. Vs. Duffy (1949), il-Qrati Inglizi taw definizzjoni ghal x'jikkostitwixxi provokazzjoni u qal li hija "some act, or series of acts, done by the dead man to the accused which could cause in any reasonable person and actually causes in the accused, a sudden and temporal loss of self-control, rendering the accused so subject to passion as to make him or her for the moment not master of his mind".

Illi huwa palezi li mhux kull provokazzjoni twassal ghal-difiza fil-ligi izda jridu jikkonkorru diversi elementi sabiex din id-difiza tirnexxi fosthom li t-telfien tal-kontroll ikun attwali u ragonevoli u li r-ritaljazzjoni tkun proporzjonata mal-provokazzjoni;

Illi l-appellant umilment jissottometti li meta wiehed iqis il-fatt li Aaron Privitera kissirlu l-familja u ha lit-tfal tal-appellant jghixu mieghu, kif ukoll il-fatt li l-istess Privitera hareg ghalih lest ghall-glied armat b'katina sabiex ifajjarlu biha, wiehed ma jistax ma jasalx ghall-konkluzjoni li f'din l-istorja hemm element qawwi hafna ta' provokazzjoni min-naha ta' Privitera;

Illi l-Ewwel Qorti tghid li ma jirrizultalha bl-ebda mod li Casha kien il-vittma ta' inkwiet matrimonjali. Bir-rispett kollu dovut, jekk dan li gara lill-appellant m'huwiex inkwiet matrimonjali allura qed tigi attribwita definizzjoni ghall-kollox gdida ghal dan it-tip ta' inkiwet.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda evvessiva u mhux idoneja.

Illi meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz it-tbatija emozjonali li kien ghaddej minnha l-appellant flimkien mal-konsegwenzi tar-reat, li kienu jikkonsistu f' ferita ta' natura hafifa u xejn aktar, kundanna ta' tlett snin prigunerija effettiva hija certament wahda eccessiva u li m'hu ser isservi ghal xejn;

Illi fil-gurisprudenza kriminali taghna hemm diversi kazi fejn persuni akkuzati b' reati simili inghataw cans jirriformaw ruhom billi inghataw sentenza sospiza ta' habs flok habs effettiv jew inkella habs effettiv eqreb tal-minimu;

Illi piena karcerarja effettiva imposta fuq l-appellant ma tista` qatt twassal ghall-effetti riformattivi mixtieqa meta jigu mposti tali pieni karcerarji;

Illi minghajr pregudizzju, anki jekk u kieku zbalja, l-appellant m'huwiex 'hardened criminal' li jkollu xi disposizzjoni jirrepeti l-agir tieghu fil-konfront ta' xi persuni ohra.

Ikkunsidrat,

Ic-cirkostanzi li taw lok ghal dan l-incident kienu s-segwenti: irrizulta li bejn l-appellant James Casha u martu Yvette Casha, kienu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni u Yvette Casha kienet de facto separata minn zewgha u jidher li kellha xi relazzjoni mal-parti lesa Aaron Privitera u kienet qed tghix mieghu flimkien ma wliedha go fond f'Birzebbuga.

Fit-tmintax (18) ta' Awwissu, 2001 fi Triq id-Daqqaqa, Birzebbuga ghall-habta tad-disgha u kwart (9:15) ta' filghodu l-appellanti James Casha u Dorian Sciortino gew vicin ir-residenza fejn kien joqghod Aaron Privitera. L-iskuza kienet sabiex James Casha jara fejn kienet qieghda tabita martu Yvette Casha. Dak il-hin Aaron Privitera kien rieqed fit-terazzin tal-fond tal-genituri tieghu u meta ommu rat lil James Casha u lil Dorian Scortino qajmet lil binha u qaltlu bil-prezenza taz-zewg appellanti fit-triq. Sadanittant l-appellanti waqfu l-karozza taghhom xi kantuniera l-boghod u nizlu mill-karozza biex javvicinaw

ir-residenza fejn kien joqghod Aaron Privitera. Waqt illi qed jaghmlu hekk James Casha gabar grampun illi jintuza biex izomm xi katusi mal-hajt, ghawgu biex iddrittah u zammu f'idu "ghal li jista jkun".

Privitera hareg mill-fond tieghu u beda javvicina liz-zewg appellanti. Jista' jaghti l-kaz illi dak il-hin kellu xi katina mohbija fil-but. Waqt illi z-zewg antagonisti resqu lejn xulxin James Casha stieden lil Privitera ghal glied izda Privitera baqa' javvicinahom u kien hawnhekk illi l-appellant Dorian Sciortino xejjer l-ewwel daqqa ta' ponn lil Privitera. F'dak il-mument James Casha xejjer il-granpun fid-direzzjoni ta' Privitera u laqtu f'sidru. Privitera waqa' ma l-art u Dorian Sciortino xejjer daqqa ta' sieq lil Privitera. Dan qam u hawnhekk jidher illi kellu l-katina f'idejh. Casha rega' stieden lil Privitera ghal glied u jnehhi l-katina minn idejh halli jiggieldu izda Privitera ma ghamilx hekk u xejjer bil-katina u laqat lil Casha f'zaqqu u dahru. Hawnhekk intervjeniet omm Privitera illi bdiet tghajjat u z-zewg appellanti dahlu fil-karozza u saqu 'l hemm.

Ikkunsidrat.

Originarjament l-appellanti kienu addebitati b'attentat ta' omicidju fuq Aaron Privitera izda sussegwentement l-Avukat Generali rriduca l-akkuza ghal wahda ta' attentat ta' ferita gravi. Iz-zewg appellanti kkritikaw lill-ewwel Qorti peress illi ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li rrizultaw u ma kellhomx jinstabu hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom peress illi agixxew in legittima difeza u se mai kienu provokati bl-agir ta' l-istess Aaron Privitera.

Ghal dak li jirrigwardja c-cirkostanzi partikulari ta' l-appellanti Dorian Scortino argumenta illi l-operat tieghu kien biss limitat billi jiehu lil James Casha fuq il-post fejn kienet toqghod martu ma' Privitera. L-arma li ntuzat ma kienetx fil-pussess ta' Sciortino u lanqas ma kien hemm xi hsieb minn qabel li kellha tintuza arma. Tant hu hekk illi James Casha gabar il-ganc dak il-hin stess mill-art meta kien qed javvicina r-residenza ta' Privitera. Zgur illi ma kienx hemm komplicita bejniethom il ghaliex ma kienx hemm "a common design" illi huma jikkawzaw xi tip ta'

hsara lil Privitera. Li kieku Privitera baqa' d-dar ma kien jigri xejn ghax la Casha u lanqas Sciortino ma marru ghal glied imma biss biex jaraw fejn kienet toqghod mart James Casha. L-appellant Dorian Scortino f'sitwazzjoni bhal dik iddefenda ruhu meta Privitera hareg ixejjer il-katina. L-appellant James Casha qal illi l-Qorti skartat il-legittima difiza u l-provokazzjoni meta l-provi kienu juru mod iehor. Fil-fatt il-ganc uzat minn Casha fuq Privitera ma kienx mieghu izda sabu fit-triq meta Casha ra lil Privitera gej b'katina f'idejh. Ma kienx kontestat illi fil-fatt Privitera uza l-katina fuq Casha tant illi kienu jidhru l-feriti, ghad illi kienu hfief fuq genb Casha.

L-appellanti komplew jargumentaw li f'dak il-mument Casha ddefenda ruhu b'xi haga li sab dak il-hin stess u l-ewwel Qorti ma tatx piz ghall-agressjoni ta' Privitera u meta l-Qorti dahlet fl-elementi tal-legittima difiza kellha tuza t-test soggettiv kif agixxa Casha meta ra dik l-agressjoni gejja fuqu. L-elementi fil-fatt jirrizultaw kollha bhal ma kienet tirrizulta l-proporzjonalita bejn il-katina mal-ganc. Jista' jaghti l-kaz illi fil-kaz illi l-Qorti tiskarta l-legittima difiza tista tikkonsidra illi kien hemm eccess ta' legittima difiza. Fi kwalunwe kaz Casha ma jistax jigi censurat 'il ghaliex agixxa mall-ewwel "a preventive strike" sabiex jevita xi dannu fuq il-persuna tieghu.

Ikkunsidrat:

Jidher illi l-appellanti jew ma qrawx is-Sentenza sew jew qeghdin jinterpretaw il-fatti kif jaqblilhom biex jiskolpaw ruhhom mir-responsabilita. Jibda biex jinghad illi z-zewg appellanti ma kellhomx ghalfejn imorru jfittxu lil-Privitera meta dawn kienu jafu sew fejn kien joqghod. Anke jekk ghal grazzja ta' l-argument jinghad illi marru fuq il-post biex jaraw id-dar, darba rawha kellhom jibqghu ghaddejjin u mhux jiefqu u jinzlu mill-karozza biex propju jisfidaw lil Privitera. L-appellanti jargumentaw illi li kieku Privitera baqa' d-dar ma kien jigri xejn. Bl-istess argument li kieku l-appellanti baqghu fil-karozza u baqghu sejrin, ma kien jigri xejn. Imma dan ma kienx il-kaz ghax kienu l-appellanti illi nizlu l-ewwel mill-karozza u javvicinaw id-dar ta' Privitera. Kien hawnhekk illi l-appellant Casha illi seta' jissaponi illi

kien se jinqala’ l-inkwiet ghax gabar ganc mill-art biex juzah bhala arma, avvicina lil Privitera u jekk kien hemm xi preventive strike ta’ xi hadd dana kien ta’ Dorian Sciortino illi ta l-ewwel daqqa ta’ ponn lil Privitera u kien propju hawnhekk illi Casha xejjer il-ganc u laqat lil Privitera f’sidru. Din il-ferita ma kienetx tali illi timpedixxi lil Privitera milli jaghmel xi rejazzjoni u kien hawn illi xejjer il-katina fid-direzzjoni ta’ Casha.

Imma dan hu l-punt krucjali ta’ din il-kawza. Privitera xejjer wara li kien qala’ d-daqqa ta’ ponn u wara illi kien qala’ d-daqqa tal-ganc fuq sidru. Se mai allura kien Privitera illi kien qed jiddefendi ruhu mill-agressjoni ta’ l-appellanti u mhux vice versa. L-appellanti ma kellhom l-ebda raguni ‘l ghaliex kellhom ikunu fil-vicinanzi tad-dar ta’ Privitera. Jekk l-appellant Casha kellu xi problemi ma’ martu Yvette, din kellu jaraha maghha u mhux ma Privitera li kien rieqed id-dar tieghu u gie mgharraf minn ommu bil-prezenza taz-zewg appellanti fit-triq u kien propju f’dan il-punt illi l-appellant Casha rawwam l-intenzjoni generika sabiex jikkawza hsara meta qabad ganc u mmodifikah b’tali mod illi setghet isservi ta’ arma. L-appellant Sciortino kien ma genb Casha qed jarah jaghmel din il-bicca xoghol izda mhux talli ma ppruvax iwaqqfu, talli kompla mieghu, assistieh u propju dak il-hin illi kien se jkun hemm l-incident kien l-ewwel illi ta d-daqqa. Sciortino kien ma’ Casha propju dak il-hin u ghalhekk kien ko-awtur u mhux komplici. It-tnejn li huma aggredew lil Privitera u t-tnejn riedu jikkawzaw hsara lill-istess Privitera.

Huwa inutli jargumentaw illi gew ipprovokati f’dan l-incident bl-agir ta’ Privitera meta beda r-relazzjoni tieghu ma’ mart Casha. It-test tal-provokazzjoni ma jahdimx hekk. L-Artiklu 272 tal-Kap. 9 jitkellem car dwar x’jikkawza provokazzjoni; f’liema kaz ghandu jintuza t-test oggettiv kif persuna ta’ temperement ordinarju kienet tirreagixxi f’cirkostanzi bhal dawn. Ma kien hemm xejn provokatorju minn Privitera dak il-hin ta’ l-incident, anzi kien rieqed id-dar tieghu u l-appellanti kellhom iz-zmien sabiex jirtiraw izda minflok komplew bl-atti provokatorji taghhom fil-konfront ta’ Privitera.

Ma kien hemm xejn istantanju f'dan l-incident izda l-appellanti hasbu sew x'se jaghmlu u marru ppreparati, anke jekk dik il-preparazzjoni saret propju ftit mumenti qabel l-incident, dana huwa bizzejjed biex jissodisfa l-vot tal-Ligi illi kienu l-appellanti stess illi pprovokaw lil Privitera u mhux vice versa. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel piena referenza ghal Gurisprudenza kif ukoll ghal konsiderazzjonijiet legali maghmula mill-ewwel Qorti liema konsiderazzjonijiet huma korretti.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi fuq il-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi l-Qorti ta' l-Appell tiddisturba dik id-deskrizzjoni.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-imputati gew ikkundannati ghal tliet snin prigunerija kull wiehed. Dan it-terminu jaqa' fil-parametri tal-Ligi u l-ewwel Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha 'l ghala kellha tinfliggi piena ta' prigunerija flok piena ohra. Il-principju regolatur huwa illi fil-kaz ta' l-ghoti tal-piena l-Qorti ta' l-Appell ma tisturbax id-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun mod iehor (Repubblika vs David Vella, 14 ta' Gunju, 1999 u ohrajn). Dana stabbilit din il-Qorti ma tara xejn gdid fir-rikors ta' l-appell ta' l-appellanti illi ma giex diga kkunsidrat mill-ewwel Qorti li tat ir-ragunijiet validi taghha ghaliex kellha tiskarta l-argumenti ta' l-appellanti. Din il-Qorti ghalhekk ma jidhriliex illi ghandha tiddisturba d-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u diddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

Michael Mallia
Imhallef

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------